MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

Il-Hamis 12 ta' Settembru 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:15 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Vici Sindku
Karl Buttigieg - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 5.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

5.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 5.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

5.2.1 Peress li l-minuti tar-raba` laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Is-Sindku semma li huwa jixtieq li fil-minuti f'paragrafu 4.3.8 tizdied li l-parkeggi flimkien mac-*charger* tressqu fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg bl-approvazzjoni tal-Kunsill u mhux skond dak li gie miktub fl-ittra tal-GOTO. Is-Sindku semma wkoll li f'paragrafu 4.4.1 ghandha titnehha s-sentenza 'izda ma tranga xejn' peress li dan ma kienx il-kaz. Il-Kunsilleri Karl Buttigieg semma li jixtieq jiccara sentenza f'paragrafu numru 4.16.1 fejn huwa qatt ma qal li dak jew l-iehor ivvota favur jew kontra izda li l-ewwel decizjoni kienet wahda kollettiva. Wara dawn l-emendi l-minuti gew approvati unanimament.

## 5.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku u korrispondenza.

5.3.1 Is-Sindku semma li kien hemm talba mill-izviluppaturi tal-apartamenti fi Triq ta' Kassja sabiex jitressqu l-bozoz kollha ta' triq ftit il-quddiem sakemm jsir il-bini u wara jigi mghoddi kollox go trinka fi triq u l-bozoz jitwahhlu mal-appartamenti. Huwa semma li dan kollu ser isir ghas-spejjes tal-izviluppaturi.

5.3.2 Is-Sindku ressaq talba ta' persuna li toqghod Triq Patri Guzepp Portelli sabiex xhin tkun fix-xita biss in-nies ma jipparkjax quddiem taghha peress li qed tfur bl-ilma ghax il-bankina taghha hi baxxa kwazi mat-triq.

5.3.3 Is-Sindku ressaq talba sabiex isir hadid quddiem it-tarag tal-Kunsill peress li perikoluz. Il-Kunsill iddecida li dan m'ghandux isir bhalissa.

5.3.4 Is-Sindku semma li gie mibghut *method statement* ghal *transplantation* ta' sigra tal-palm fi 'Gnien il-Familja' lil ERA. Il-Kunsill irieva risposta li m'hemmx bzonn permess izda li s-sigra ghandha terga tithawwel fi *urban settings*.

5.3.5 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex kien hareg sejha ghall-offerta ghar-*resurfacing* ta' Triq iz-Zewwieqa, izda l-offerti li gew issottomessi kienu gholjin hafna ghalhekk kellha terga tinhareg sejha ohra.

5.3.6 Giet trattata din il-korrispondenza:

5.3.7 Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar mistoqsijiet dwar laqgha numru 40. Giet mibghuta risposta mill-Kunsill.

5.3.8 Kopja ta' korrispondenza li ghaddiet bejn l-ERA u c-*Civil Protection Department* dwar *boulder stack collapse* f' Ta' Bu Ghassa, Qala.

QALA

5.3.9 Ittra mill-*Gozo Cycling Club* dwar *Annual Gozo Cycling Club Road Race*. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex din it-tigrija tghaddi minn Triq l-Imgarr.

5.3.10 Ittra minn persuna li tixtieq toffri *fitness evening courses* fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan u ddecida li ghandu jitlob informazzjoni minghand din il-persuna sabiex tinhareg *leaflet* dwar dan.

5.3.11 Ittra mir-Regjun Ghawdex dwar rapport dwar lanterni *extra* minhabba nuqqas ta' dawl tat-toroq – Regjun Ghawdex.

5.3.12 Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali – *Europe for Citizens Contact Point* dwar partecipazzjoni fil-*European Week of Regions and Cities 2019* fi Brussel – Ottubru 2019. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill li s-Sindku huwa interessat li jippartecipa u huwa gie accettat sabiex jattendi.

5.3.13 Direttiva 3/2019 *Contracts Managers* mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-Kunsill iddecida li jsir dan mehtieg.

5.3.14 Ittra mit-*Transport Malta* dwar talba ghal *double yellow lines* fi Triq il-Wardija.

5.3.15 Ittra mit-*Transport Malta* dwar rapport mill-Kunsill Lokali rigward ir-*reserved parking bay* referenza 6809.

5.3.16 Ittra mibghuta mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali dwar *Online Permitting & Right of Way Management System*. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintalab aktar informazzjoni fuq din il-materja.

5.3.17 Ittra mibghuta mill-ERA dwar *Hondoq Festivities*. Il-Kunsill iddecida li ghandu jigi mitlub ghall-liema *area* qed jirreferu.

5.3.18 Cirkulari Cir AKL 2019/071 Materjal – *Seminar* – Fondi ghall-inizjattivi Kulturali/Socjali mill-Fondi tal-LESA. Il-Kunsill iddecida li japplika. Is-Segretarja semmiet li fil-*guidelines* hemm imnizzel ukoll affarijiet ohra li tista` jsir applikazzjoni ghalihom barra dawk kulturali.

5.3.19 Ittra mill-Wasteserv dwar *social marketing campaign*. Il-Kunsill ma qabilx mal-post propost li huwa l-pjazza u ghalhekk wara diskussjoni gew maghzula zewg postijiet alternattivi li huma Triq Grunju fejn hemm il-parti l-wiesgha u Triq ta' Kassja fejn ikun hemm l-iskips stazzjonati nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt.

5.3.20 Kwotazzjonijiet ghall-*aircondition* fil-berga kif ukoll fil-librerija pubblika. Il-Kunsill qabel li ghandhom jintalbu zewg kwotazzjonijiet ohra.

5.3.21 Talba sabiex isir *stop sign* fin-naha ta' fuq ta' Triq it-Telgha.

5.3.22 Talba sabiex isiru *double yellow lines* quddiem *gate* fi Triq Wied Simar.

5.3.23 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill sabiex isir arrangement tat-traffiku fejn isir *no parking* mis-7:00 ta' filghodu sas-7:00 ta' filghaxija f' parti minn Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg.

5.3.24 Gew mibghuta zewg ittri ohra mill-Kunsill lil kumpanija GOTO dwar il-parkegg li sar fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg, ittra minnhom fejn gie mitlub sabiex jitnehha wiehed mill-parkeggi u ma jsirx *meter* u l-ittra l-ohra bhala *reminder* peress li l-Kunsill kien qed ikollu ilmenti mir-residenti.

5.3.25 Giet mibghuta risposta mill-Kunsill lill-awdituri lokali ghall-*management letter* dwar l-*audit findings* mill-*audit* ghas-sena li ghalqet 31 ta' Dicembru 2018.

5.3.26 Ittra mibghuta mill-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar proposta sabiex jinghata servizz lill-Kunsill minn Kunsillier. Il-Kunsill ircieva risposta fejn gie rreferit ghall-Att tal-Gvern Lokali; li dan ma jistghax isir.

5.3.27 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil M2 Co. Ltd dwar jekk il-Kunsill jistghax jibghat *warning letter* dwar is-sistema tac-*CCTV cameras* li ser tibda topera fi Triq il-Wileg flimkien ma ritratt tat-trukkijiet taghhom ghaddejjin.

5.3.28 Is-Segretarja ppreparat applikazzjoni u giet mibghuta lit-Transport Malta ghal *grant for permanent sustainable mobility measures* fejn il-progett tal-Kunsill kien li jinxtara trukk elettriku. Is-Segretarja Ezekuttiv semmiet li l-applikazzjoni kienet aktar immiratha ghal xi tip ta' progetti milli sabiex isir xiri tal-ingenji.

5.3.29 Giet mibghuta wkoll applikazzjoni lill-GreenPak ghal GreenPak's *Local Council Awards*. Il-Kunsill ircieva ittra mill-GreenPak fejn il-Kunsill gie informat li gie nnominat.

5.3.30 Giet trattata stima ta' *waste separation bin* sabiex jitqieghed fil-gnien tal-Belvedere. Il-Kunsill iddiskuta li l-prezz huwa ferm gholi.

5.3.31 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcu amministrattiv tal-Kunsill mis-7 t'Awwissu 2019 sat-12 ta' Settembru 2019 minn referenza numru 166/19 sa referenza numru 198/19 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 69/19 sa referenza numru 77/19 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 5.4 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

5.4.1 Il-Vici Sindku Ivan Cefai semma li gew ufficjali mill-Enemalta dwar il-bozza li qed tigi mitluba li jsir fi Triq President Anton Buttigieg. Huma semmew li sabiex titwahhal bozza gdida trid isir trinka zghira fit-triq sabiex jigu mghoddija l-linji tad-dawl minn go fiha. Il-Kunsill iddecida li ghandha tigi mitluba stima minghand Galea Curmi Consultants ghal dan ix-xoghol imbaghad il-Kunsill jara minn hemm.

5.4.2 Il-Vici Sindku rega` ressaq it-talba sabiex jinbena hajt zghir tal-kantun faccata tal-kantuniera fejn Triq l-Isqof Baldassare Cagliares tiltaqa` ma' Triq il-Ven. Adeodata Pisani peress li qed ta' periklu. Is-Sindku semma li ser jara x'hemm bzonn halli jinbena dan il-hajt.

5.4.3 Il-Vici Sindku semma li huwa kellu ilment dwar l-ammont ta' trukkijiet li qed jghaddu minn Triq Indipendenza u li t-triq giet fi stat hazin. Gie diskuss li din it-triq mhiex parti mir-rotta li jridu jghaddu minnha s-sidien tal-barriera, ghalhekk gie deciz li ghandha jsir tabella li t-trukkijiet ma jistghux jghaddu minn Triq Indipendenza.

5.4.4 Il-Vici Sindku semma li huwa gie kkuntatjat mis-sid li qed jghidu li l-bicca *cement* li hemm ma gemb il-gambana li hemm Hondoq, li qed isiru BBQ's f'din l-*area* minghajr l-approvazzjoni

QALA

taghhom u li mill-lum il-quddiem jixtieq ikunu jafu. Il-Vici Sindku semma peress li s-sid qed jghid li r-*rock garden* huwa tieghu, huwa talab lil dan is-sid sabiex isir it-tindif ta' dan l-istess *rock garden*. Is-sid semma li huwa ma jsibx oggezzjoni jekk dan jitnaddaf mill-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li jiehu parir minn Avukat dwar it-tindif ta' dan il-gnien.

5.4.5 Il-Vici Sindku semma li huwa ghandu kopja ta' ittra li giet mibghuta minn Avukat f'isem il-Kunsill lir-residenti ta' Pjazza San Guzepp dwar il-proposta sabiex titressaq *bus shelter* fi Pjazza San Guzepp. Huwa staqsa dwar kif il-membri tal-Kunsill ma gewx ikkonsultati qabel ma ntbghatet din l-ittra kif ukoll staqsa lis-Segretarja jekk hija kelliex kopja. Is-Segretarja semmiet li hija m'ghandiex kopja ta' din l-ittra. Is-Sindku semma li huwa ma kienx jaf li ntbghatet peress li huwa kien kellem lill-Avukat u imbaghad l-Avukat qabbad u bghatha. Is-Sindku semma li huwa bghat *reminder* lit-Transport Malta sabiex isir il-laqgha maghhom.

5.4.6 Il-Vici Sindku semma li persuna kienet qaltlu li hija kienet imdejqa bil-*kiosks* li kienu gew armati faccata tar-residenza taghha fil-festa. Is-Sindku semma li l-Arcipriet ma kienx sab problema sabiex il-*kiosks* jigu armati faccata tad-Dar Parrokkjali, kif ukoll li lil din il-persuna, s-Sindku qal kien staqsieha jsibx problema u li hi rrispondietu li ma jsibx u li dan mhux ghal tlett ijiem biss. Il-Vici Sindku semma li lilu qaltlu li kienet imdejqa bihom. Is-Sindku semma li xi hadd kien cempel lil din il-persuna fejn staqsieha kienetx imdejqa b'dawn il-*kiosks*. Il-Vici Sindku qal li dakinhar tal-festa huwa kien cempel lil din il-persuna biex jistaqsi hux minnu l-ghajdut li hija imdejqa bil-*kiosks*, izda ma jafx jekk din hiex tirreferi ghal din l-istess telefonata.

5.4.7 Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak semmiet illi regghu gew misbuha *double yellow lines* izda kien hemm xi ohrajn fi Triq it-Telgha li ma sarux. Is-Sindku semma li kienet ix-xita.

5.4.8 Il-Kunsiller Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ghandha jsir bozza fi Triq il-Wardija peress li hemm hafna dlam. Is-Sindku semma li l-Kunsill ghandu hafna talbiet ta' bozoz bhalissa.

5.4.9 Il-Kunsiller Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ghandha jsir *Cinema Day* kif ukoll *Clean Up*. Il-Kunsill qabel ma dan.

5.4.10 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li l-gita ghall-Sqallija ser isir nhar il-Gimgha 29 ta' Novembru 2019. Huwa semma li bblokkja 50 biljett mal-Virtu Ferries. Huwa semma li ma jkunx hemm *refund* hlief jekk ikun il-maltemp. Huwa semma li important li minn jaghmillu d-deni ma jigix.

## 5.5 *Qala International Folk Festival 2019.*

5.5.1 Is-Sindku ppropona li l-Kumitat tan-Nar ghandu jinghata €300 sabiex jarmaw u jzarmaw is-siggijiet u l-palk waqt il-*Qala International Folk Festival*. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku semma li l-grupp folkloristiku Grieg mhuwiex gej u minflok kienu gejjien grupp minn Sqallija li gew xi sentejn ilu, izda wara ftit dawn ukoll informaw lill-Kunsill illi ma jistghux jigu. Huwa semma li ghalhekk gejjien zewg gruppi wiehed mill-*Belarus* u l-iehor mill-*Austria*. Is-Sindku semma li ghas-serata tas-Sibt ser jigu ta' Paul Curmi Dancers kif ukoll xi grupp bil-*bag pipes*. Is-Sindku ssuggerixxa li ghandhom jinqabdu xi *general hands* ghal waqt il-*festival* u jithallsu €7.00 fis-siegha. Il-Kunsill iddecida li persuna wahda hija bizzejjed. Is-Segretarja staqsiet dwar l-ikla li ser tigi organizzata mill-Ghaqda tal-Briju San Guzepp il-Gimgha 20 ta' Settembru 2019. Hija staqsiet dwar kif il-Kunsill xorta ser ihallas ghal dan is-servizz; xi 75 persuna skond il-*proforma invoice*. Is-Sindku semma li l-Kunsill ser ihallas ghall-ikel tal-gruppi barranin u tal-Menhir Folk Group ecc. Il-Kunsill iddecida li ghandha tintalab *breakdown* ta' dawn is-75 persuna.

## 5.6 Il-progett tal-*water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni.

5.6.1 Is-Sindku semma li l-Ministeru ghal Ghawdex ser taghti lil Kunsill izjed fondi sabiex isir il-progett tal-*water culvert* u *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Kuncizzjoni. Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li Triq il-Papa Piju IX ukoll ghandha bzonn li jsir xoghol ta' *resurfacing* fiha biex forsi jsir talba lill-Ministeru ghal fondi sabiex tkun tista` jsir. Gie diskuss ukoll li Triq it-28 ta' April 1688 ukoll ghandha bzonn li jsir xoghol fiha.

## 5.7 Gemellagg ma Canale Monterano, l-Italja.

5.7.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li s-Sindku ta' Canale Monterano ssuggerixxa li grupp tan-nies mill-lokalita` tal-Qala ghandha jzur Canale Monterano f'wahda minn dawn id-dati; Dicembru 2019, Mejju/Gunju 2020, Awwissu 2020 (fit-23 t'Awwissu tigi ccelebrata l-festa taghhom) jew Settembru 2020. Il-Kunsill iddiskuta dan u ddecida li l-ewwel ghandha tmur delegazzjoni mill-Kunsilli Lokali hekk ghal Mejju 2020, f'Awwissu 2020 il-Kunsill immur b'grupp ta' nies u f'Settembru 2020 waqt il-*Qala International Folk Festival* tigi delegazzjoni b'grupp ta' nies minn Canale Monterano. Il-Kunsillieri Joseph Buttigieg u Valerie Cassar Mejlak semmew li ser jikkuntatjaw lil tal-MUESAC sabiex isir laqgha dwar kif jistghu jingabu l-fondi ghal gemellagg. Giet trattata korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill u l-Canale Monterano.

## 5.8 L-ahhar zviluppi dwar il-*playing field* 'Magistrat Salvu Attard'.

5.8.1 Is-Sindku semma li l-Perit irrid jipprepara *addendum* ghall-kuntratt li gie ffirmat ghal provvista ta' *safety mats*. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg issuggerixxa li progetti li jkunu ser jiehdu ftit taz-zmien, bhal dan tal-*playing field*, sabiex jitwettqu ghandu jigi spejgat ir-raguni ghaliex fuq *facebook* sabiex in-nies ikunu nformati. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li dan isir. Giet trattata ittra mibghuta mill-offerent dwar xi *variations*, kif ukoll risposta tal-Perit dwar dawn il-*variations*.

## 5.9 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp ghal *fish farm* vicin il-kosta tal-Qala.

5.9.1 Il-Kunsillier Joseph Buttigieg semma li huwa ghandu xi informazzjoni fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp ghal *fish farm* vicin il-kosta tal-Qala. Huwa semma li hemm bord li jistabbilixxi kwota ta' kemm wiehed jista` jrabbi t-tonn, dan skond il-GDP, kemm hemm kosta ecc. Malta qatt ma lahqet il-kwota taghha. Huwa semma li l-applikazzjonijiet ghal permess fuq dawn il-*fish farms* ilhom li saru izda qatt ma gew approvati. Huwa semma li l-applikazzjoni prezenti hija ghal *relocation* ta' dik il-*fish farm* ezistenti u li difficli li din il-*fish farm* ezistenti tikber jew titmexxa. Il-Kunsill iddecida li joggezzjona ghal din l-applikazzjoni. Gew mibghuta zewg ittra mill-Kunsill lill-Awtorita` tal-Ippjanar u lill-ERA fejn il-Kunsill talab aktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ircieva risposti minghand l-Awtorita` u l-ERA.

## 5.10 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp f'kamra zghira f'Hondoq ir-Rummien.

5.10.1 Il-Kunsill iddecida li joggezzjoni ghall-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp f'kamra zghira f' Hondoq ir-Rummien. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Awtorita` fejn il-Kunsill talab sabiex ikun *registered objector*. Il-Kunsill ircieva *acknowledgement* mill-Awtorita`.

QALA

## 5.11 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp f'kamra f'Ta' Muxi.

5.11.1 Is-Sindku semma li ser isir smiegh ghall-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp f'kamra t'Ta' Muxi. Il-Kunsill iddiskuta li sakemm il-bini propost isir fuq l-istess kamra u l-istess pedamenti, l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni. Il-Kunsill ma jaqbilx li jizdied il-bini mal-kamra li diga` hemm ezistenti.

## 5.12 Kwotazzjonijiet dwar servizzi professjonali ghall-applikazzjonijiet ghal permessi ta' zvilupp

5.12.1 Il-Kunsill studja il-kwotazzjonijiet mibghuta minn Dr Claire Bonello dwar servizzi professjonali ghall-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp ghal *fish farm* vicin il-kosta tal-Qala, kamra zghira f'Ta' Muxi u l-appell PAB 222/16 f'Hondoq ir-Rummien. Is-Sindku semma li huwa ghandu fiducja kbira f'Dr Claire Bonello u gieli giet mqabbda ghal xogholijiet simili. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li jaccetta l-kwotazzjonijiet taghha. Il-Kunsill iddecida li jsiru l-oggezzjonijiet ghal dawn l-applikazzjonijiet.

## 5.13 Offerta ghat-trangar tar-*roundabouts* madwar il-lokalita` u ghall-arrangament tat-traffiku fi Triq il-Kuncizzjoni.

5.13.1 Is-Sindku semma li ser isir trangar tar-*roundabouts* li hawn madwar il-lokalita` peress li kull darba qed jinkisru mit-trukkijiet li jghaddu. Huwa semma li ser isirilhom bordura bil-konkos u dawn ser isiru mill-*Urban Improvement Fund*.

## 5.14 Tizjin bid-dawl fi Triq it-28 ta' April 1688 ghal Milied.

5.14.1 Is-Sindku semma li s-Sur Joey Cutajar ma setax jattendi ghal din il-laqgha tal-Kunsill sabiex jaghti spejgazzjoni tax-xoghol tat-tizjin ta' Triq it-28 t'April 1688 ghal Milied, izda ser jattendi laqgha ohra li jmiss.

## 5.15 Premju Unur Gieh il-Qala 2019.

5.15.1 Is-Sindku semma li Premju Unur Gieh il-Qala 2019 ghandu jinghata lil eks Sindku u Kunsillier Paul Buttigieg. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan. Il-Kunsillier Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li ghal sena ohra sewwa li dan il-premju jinghata lil eks Arcipriet Dun Joe Zammit, peress li hu l-unika eks Arcipriet tal-Qala li ghadu ma hax dan il-premju.

## 5.16 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.

5.16.1 Is-Segretarja qrat l-iskeda tal-pagament b'referenza numru SP 8/2019. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni sabiex jithallsu l-kontijiet li huma mnizzla f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 5.17 Mozzjonijiet.

5.17.1 Ma kien ebda mozzjoni.

QALA

## 5.18 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

5.18.1 Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 17 t'Ottubru 2019.

Ikkonfermati illum, il-Hamis 17 t'Ottubru 2019.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Ezekuttiv